**QORTI TAL-APPELL**

**(KOMPETENZA INFERJURI)**

**(TRIBUNAL TA' REVIZJONI TAL-AMBJENT U L-IPPJANAR)**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum it-Tnejn, 20 ta' Novembru, 2017**

Numru 9

**Appell Nru. 24/2017**

**Emanuel Vella**

**vs**

**L-Awtorita tal-Ippjanar**
**(gia l-Awtorita ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-appell ta' Emanuel Vella tas-26 ta' Settembru 2017 mid-decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tas-7 ta' Settembru 2017 li ikkonferma d-decizjoni tal-Awtorita li kien hemm ksur ta' ordni ta' Twaqqif u Twettieq ECF 360/07 mahrug kontra l-applikant li kellu pendenti applikazzjoni 'sanctioning of jaw stone crusher and area for stock piling';

Rat ir-risposta tal-Awtorita li ssottomettiet li l-appell ghandu jigi michud u d-decizjoni tat-Tribunal konfermata;

Rat l-atti kollha u semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat id-decizjoni tat-Tribunal li tghid hekk:

Ikkunsidra:
Il-kwistjoni quddiem itTribunal huwa wiehed effettivament ta' stat ta' fatt. L-applikazzjoni in mertu li kienet to sanction giet rifjutata billi skond l-Awtorita' kien hemm breach tal-enforcement notice ECF 360/07. B'mod specifiku l-kliem kien:
"…since it has been confirmed that there was a breach of enforcement notice ECF 360/07."

Fil-kuntest tal-appell importanti, fost affarijiet ohra, tlett fatturi:
i. Illi permezz ta' affidavit tal-appellanti stess datat 7 ta' Lulju 2014 hemm il-konferma tal-fatti dikjarati mill-Aworita' fis-sens illi ddikjara illi l-mertu tal-applikazzjoni kienu kollu kopert bl-applikazzjoni ta' sanzjonar stess – salv dak li l-appellanti stess sejjah bhala hopper u mhux concrete batching plant.

ii. Fil-memo datat 10 ta' Lulju 2014 ossia meta l-applikazzjoni giet diskussa quddiem il-Bord tal-Awtorita' gie ccarat x'kienu l-illegalitajiet fuq is-sit u li l-Awtorita' kienet qed tinsisti illi ma setghax johrog il-permess gjaladarba kien hemm ksur tal-Avviz biex Tieqaf u ta' Twettiq.

iii. Il-ligi tghid fl-artikolu 86(10):
"Kull applikazzjoni biex tirregolarizza l-attività jew l-iżvilupp għandha tiġi miċħuda minnufih jekk rekwiżit fl-ordni jew avviż ikun iwaqqaf jew jipprojbixxi aktar attività, xogħol jew żvilupp, jew li jkun jeħtieġ il-waqfien ta' xi użu, ma jkunx, kemm qabel jew waqt li tkun għadha qegħda tiġi trattata l-applikazzjoni, ġie mħares jew jekk xi penali jew ħlas ieħor li persuna tkun weħlet taħt dan l-Att fir-rigward tal-attività rilevanti jew żvilupp ma jkunux tħallsu jew jekk l-applikazzjoni ssir biex tirregolarizza żvilupp elenkat fis-Sitt Skeda li tinsab ma' l-Att."

Dwar il-fatti nnifishom hemm ukoll ix-xhieda tal-enforcement officer Charles Gafa illi kkonferma fuq domandi diretti (29.09.2016):
"Ghandek il-fixed u ghandek il-mobile batching plants. Dan speficiku ma tistax tghid li huwa mobile, le. Jista jaqa that id-description ta' mobile izda mhuwhiex."

Fl-Affidavit tat-30 ta' Mejju 2015 l-appellanti rega sahaq fuq il-punt illi dak li mill-Awtorita' qed tissejjah bhala batching plant effettivament huwa biss hopper.

It-Tribunal ma jistax ma jaqblix mal-konkluzzjoni tal-Awtorita' li kien hemm illegalitajiet fuq is-sit. Il-punti saljenti huma dawn:
i. Illi l-permess fuq is-sit kien biss ghal zamma ta' yard minn fejn isir bejgh ta' materjali ta' kostruzzjoni.
ii. Ma kien hemm ebda permess fuq is-sit li jsir xi forma ta' xoghol oltre dan.

iii. Ix-xoghol kollu illi allegatament kien qed isir jew le mill-appellanti inkluz dak ta’ hopper li ddikjarah l-appellanti stess imur oltre dak li kien, fil-mument tal-hrug tal-Enforcement Notice, permissibbli fuq is-sit.
iv. Il-hlas tal-licenzja li sar fit-2008 li mal-licenjza originali kien hemm iz-zieda ta’ Licence Category II – Type code 26 – Manufacture of Soft/hard Stone Aggregate and Scarified Material ma kienx tali li t-Tribunal huwa tal-fehma li jwessgha il-licenzja ghal uzu aktar minn dak originali. Dana billi qed tiddahal il-manifattura ta’ materjali li taqa taht uzu ta’ klassi differenti li jehtieg permess ad hoc – u mhux semplicement zieda mal-licenzja.
v. It-Tribunal hawn jaghmel riferenza, kif del resto bilfors irid isir, ghad-dicitura tal-enforcement notice li hija cara “jikkonsisti minn stallazzjoni ta’ stone crusher kif ukoll intensifikajt l-uzu materjali tas-sit minn dak ezistenti kif orginarjament approvat ghal wiehed fejn qed jigi imdahhal materjal inert minn sorsi barra s-sit ghal skop ta’ riciklagg.”
vi. Mid-data tal-hrug tal-Enforcement Notice sad-data tad-decizjoni tal-Bord ix-xoghol baqa isir fuq is-sit anki kif ammess mill-appellant stess fl-affidavit presentat qabel id-decizjoni tal-Bord fejn mhux qed jinnega li l-crusher, aggregate conveyor belt, sorting system u l-weigh bridge kienu gja qed jintuzaw.

Il-kwistjoni fejn ma kienx hemm qbil kien dwar l-installar ta’ batching plant li l-appellant qed jinsisti li dan huwa semplicement hopper. IZDA t-Tribunal indipendentement mill-kwistjoni tal-batching plant, ghandu quddiemu biss kwisjtoni ta’ ksur tal-avviz jew le. Dan il-ksur gie konfermat addirittura mill-appellanti stess.

Li fil-kaz odjern l-Awtorita’ kienet obbligata skond id-dispost tal-Artikolu 86(10) li tirrifjuta l-applikazzjoni dment li kien hemm provi cari ta’ ksur tal-avviz ta’ enforzat (App. 12/2015 MC Salvino u Stella Borg vs l-Awtorita’ et – 09.07.2015).

Rigward it-tieni aggravju dwar kwistjoni ta’ diskriminazzjoni it-Tribunal jinnota illi ai finijiet ta’ enfurzar l-Awtorita’ ghandha dejjem diversi ghazliet quddiemha. Fil-kaz odjern, kif gja inghad, il-kwistjoni ma kienitx il-mertu tal-applikazzjoni mill punto di vista ta’ policies applikabbli IZDA biss u unikament illi kien hemm ksur tal-Avviz ta’ Enfurzar u dan il-ksur, li baqa ghaddej, wassal ghac-cahda tal-Applikazzjoni. Dan l-istat ta’ fatt huwa tali li wahdu kien jirrikjedi li l-Permess jigi rifjutat.

Dwar tali lmenti (ta’ diskriminazzjoni) il-Qorti tal-Appell ippronuzjat ruhha diversi drabi:
App. 47/2015MC Raymond Cassar vs MEPA (10.12.15): “Din il-Qorti diversi drabi f’diversi sentenzi gia esprimiet l-opinjoni taghha illi t-Tribunal ghandu jikkonsidra l-element ta’ ugwaljanza bejn applikant u iehor fuq applikazzjonijiet simili meta u safejn il-policies jippermettu li jsir dan. Ebda raguni ta’ similitudni ma tista’ treggi jekk l-applikazzjoni tmur kontra l-kliem espress ta’ ligi jew policy. Konsiderazzjonijiet ohra li jinsorgu minn tali applikazzjoni ta’ dan il-kuncett jistghu fil-kazijiet kongrui jaghtu lok ghal proceduri ta’ natura legali ohra mill-applikant fil-konfront ta’ min seta’ gie

> percepit li naqas fil-konfront tieghu pero fl-ambitu ta' appell ta' ippjanar iridu jigu applikati di rigore l-ligijiet, pjanijiet u policies konnessi mal-ippjanar."
>
> Mutatis mutandis dan ir-ragunament japplika ghall-appell odjern.
>
> Jidher bic-car ghalhekk lit-Tribunal li r-raguni ta' rifjut ibbazata fuq breach of Enforcement Notice ECF 360/07 kienet raguni mibnija fuq il-fatti u ghalhekk l-Appell qed jigi michud.

**Ikkunsidrat**

L-aggravju tal-appellant hu s-segwenti u cioe illi t-Tribunal b'mod zbaljat skarta l-ilment ta' diskriminazzjoni mressaq mill-appellant quddiem it-Tribunal fejn ressaq okkazzjonijiet ohra fejn l-Awtorita ikkunsidrat applikazzjonijiet b'dettalji skjetti u inkontrovertibbli ta' trattament diskriminatorju a vantagg ta' terzi. It-Tribunal strah fuq sentenza tal-Qorti tal-Appell Inferjuri senjatament Raymond Cassar vs L-Awtorita ta' Malta ghall-Ambjent u l-Ippjanar (10.12/2015) li fiha fattispecie differenti ghal kaz in kwistjoni. Minflok it-Tribunal filwaqt li riskontra illegalita, ma ikkunsidrax l-ilment tal-appellant dwar diskriminazzjoni, dan aktar u aktar meta wiehed iqis l-emendi fil-Kap. 552 artikolu 97(9).

Il-Qorti tibda biex tissenjala illi ma sar ebda appell fuq il-fatt misjub mit-Tribunal illi l-attivita illegali mwaqqfa mill-Awtorita baqghet tissokta fil-mori tal-konsiderazzjoni tal-applikazzjoni tas-sanzjonar mill-Bord tal-Awtorita. Dan wassal biex il-Bord a bazi tal-artikolu 86(10) tal-Kap. 504 jirrifjuta l-applikazzjooni. Dan l-artikolu kien dak applikabbli fiz-zmien li ittiehdet id-decizjoni tal-Bord liema artikolu kien jghid hekk:

> Kull applikazzjoni biex tirregolarizza l-attivita jew l-izvilupp ghandha tigi michuda minnufih jekk rekwizit fl-ordni jew avviz ikun iwaqqaf jew jipprojbixxi aktar attivita, xoghol jew zvilupp, jew li jkun jehtieg il-waqfien ta' xi uzu, ma jkunx, kemm qabel jew waqt li tkun ghadha qeghda tiġi trattata l-applikazzjoni, gie mhares jew jekk xi penali jew hlas iehor li persuna tkun wehlet taht dan l-Att fir-rigward tal-attivita rilevanti jew zvilupp ma jkunux thallsu jew jekk l-applikazzjoni ssir biex tirregolarizza zvilupp elenkat fis-Sitt Skeda li tinsab ma' l-Att.

It-Tribunal qies illi l-Awtorita iddecidiet skond dak li jiddisponi l-artikolu li ma jhalli ebda diskrezzjoni kwalsiasi lil Awtorita.

L-appellant jikkontendi illi hu issottometta provi ta' applikazzjonijiet ohra li rcevew trattament differenti u t-Tribunal ma kkunsidrax dan l-ilment. Il-Qorti tqis illi t-Tribunal ikkonsidraha meta qies dan l-aggravju b'paragun ma' sentenza ta' din l-istess Qorti fil-ismijiet Raymond Cassar vs L-Awtorita ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar. Il-Qorti taqbel mal-appellant illi din is-sentenza ma kinitx tirrigwarda l-istess fattispecie li ghandha quddiemha llum billi dik is-sentenza kienet tirrigwarda rifjut ta' zvilupp ghax imur kontra ligi, pjan jew policy u l-Qorti qieset li t-Tribunal kien hekk marbut li josserva tali ligi, pjan jew policy. Kull konsiderazzjoni ohra setghet taghti lok ghal proceduri legali ohra da parti tal-applikant izda l-Awtorita u t-Tribunal kienu marbuta li joservaw il-ligijiet, pjanijiet u policies di rigore.

Din il-Qorti tqis illi fil-kaz quddiem din il-Qorti mhux talli tali principju kellu jigi applikat izda iktar b'sahha meta l-ligi fl-artikolu 86(10) tal-Kap. 504, applikabbli fiz-zmien tad-decizjoni tal-Bord tal-Awtorita hi tassattiva u ma tippermetti ebda diskrezzjoni. Il-Qorti issibha difficli tintratjeni lment ta' diskriminazzjoni naxxenti minn illegalita pruvata da parti tal-applikant liema illegalita timponi fuqu sanzjoni cara u certa. Hi l-fehma tal-Qorti illi t-Tribunal mexa sew mal-principju regolatur enuncjat minn din il-Qorti fis-sentenza ta' Cassar li din il-Qorti tqis li hi rilevanti fil-kuntest ta' din l-applikazzjoni. Hu floku dak li qalet il-Qorti Kostituzjonali fil-kawza **Grace Gatt vs Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku et** (12/02/2016) 'Inoltre, kif tajjeb sottomess mill-konvenuti, id-diskriminazzjoni ma tistax tigi invokata sabiex tiggustifika agir li jikser il-ligi'.

Hu minnu kif jissottometti l-appellant illi llum l-artikolu 97(9) tal-Kap. 552 li jghid:

> Kull applikazzjoni biex tirregolarizza attivita jew zvilupp jew appell lit-Tribunal minn rifjut, tista' tigi michuda minnufih jekk rekwizit fl-avviz sabiex iwaqqaf jew jipprojbixxi aktar attivita u, jew zvilupp, jew li jkun jehtieg il-waqfien ta' xi uzu, ma jkunx gie mhares u jkun hemm prova li turi li l-avviz ma jkunx gie mhares waqt li tkun ghadha qieghda tiġi trattata l-applikazzjoni jew waqt is-seduti tat-Tribunal, jew jekk xi penali jew hlas iehor li persuna tkun obbligata thallas taht dan l-Att fir-rigward ta' attivita jew zvilupp ma jkunux thallsu.

jaghti diskrezzjoni fakollativa pero fl-ewwel lok il-Qorti tqis illi d-decizjoni tal-Awtorita kienet ibbazata fuq l-artikolu 86(10) tal-Kap. 504, vigenti fil-mument tad-decizjoni. Ir-regolament 7 tal-Avviz Legali 107 tal-2016 jipprovdi li:

> Id-dispozizzjonijiet tal-artikoli 69, 78, 81, 82, 86 sa 90, 93 sa 96 ta, u tal-Iskedi 1, 2, 6 u 7 li jinsabu ma', l-Att dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Izvilupp

ghandhom jibqghu fis-sehh u jkunu applikabbli sakemm ghandhom x'jaqsmu ma':
(a) proceduri u litigazzjoni attwalment pendenti, u
(b) proceduri u litigazzjoni mid-decizjonijiet kollha tal-Awtorita ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar moghtija sa u inkluz it-3 ta' April 2016, quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar li assuma l-funzjonijiet tat-Tribunal skont l-Att dwar it-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar, u quddiem kull Qorti, Tribunal, arbitragg jew awtorita gudikanti ohra.

Id-decizjoni tar-rifjut tal-applikazzjoni numru 3761/07 inghatat mill-Awtorita fl-10 ta' Lulju 2014, u ghalhekk il-provvedimenti tal-ligi applikabbli ghal dan il-kaz huma l-provvedimenti tal-artikolu 86(10) tal-Kap. 504 u mhux dawk tal-artikolu 97(9) tal-Kap. 552.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad l-appell ta' Emanuel Vella u tikkonferma d-decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tas-7 ta' Settembru 2017. Spejjez ghall-appellant.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur